**A.L. 224 ta' l-1997**

## ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (Ordni Nru. 2)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Harsien Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1997 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (Ordni Nru. 2), u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1998.

L-Inqas Paga Nazzjonali.

**2.** L-Inqas Paga Nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

18-il sena u fuqhom ..... Lm45.63ċ fil-ġimgħa
17-il sena ..... Lm42.72ċ fil-ġimgħa
Taħt is-17 il sena ..... Lm41.50ċ fil-ġimgħa.

Impjegati *part-time*.

**3.** L-Inqas Paqa Nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun *pro rata* b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artiklu ta' qabel ta' dan l-ordni u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi ikun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti minn dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li jirregola l-Pagi, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'żidiet suċċessivi ta' pagi dikjarati bħala ġeneralment applikabbli għall-impjegati *whole-time* kollha skond l-artikolu 16 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, jew b'żidiet fil-pagi suċċessivi għall-għoli tal-ħajja stabbiliti b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali.